# INĦARSU KONTRA L-MARD SPIRITWALI

George Ebejer

1. It-tajjeb kollu li aħna nistgħu niksbu minn Kristu jista' jintilef malajr f'numru ta' mard spiritwali.

====================

2. Fil-kontenut ta' l-istampa li l-appostlu Pawlu juri dwar il-knisja bħala l-ġisem ta' Kristu f'Efesin 4, huwa jipprovdi twissija biex nevitaw affarijiet li jeqirdu x-xogħol tal-ġisem. Hu jikteb:
   a. Aqra **Efesin 4:17-19**.

====================

3. Il-ġisem ta' Kristu għandu jeħles lilu nnifsu mill-ħwejjeġ tad-dinja.
   a. Waqt li aħna nagħtu l-attenzjoni tagħna biex nevitaw id-dnub morali, xi kultant nonqsu milli nagħrfu l-għerq tal-kawża.
   b. Pawlu jitkellem dwar il-mod ta' ħajja tal-Ġentili bħala li hija:
      i. Li jissodisfaw lilhom infushom.
      ii. Għall-pjaċiri tal-ġisem, u
      iii. Rgħiba
   c. Dawn huma kollha mġieba opposta tal-membri tal-ġisem ta' Kristu.
   d. Il-marda ta' li wieħed ikun "medhi bih inifsu" hija waħda mill-aktar għodod li jkissru f'idejn Satana.

=====================

4. Aħna, permezz ta' Kristu, nafu triq aħjar.
   a. Pawlu jkompli jiftaħ fuq dan il-ħsieb hekk kif ikompli:
   b. Aqra **Efesin 4:20-24**.

====================

5. Ix-xewqat qarrieqa huma mibdula ma' spirtu mġedded fix-xebħ ta' Alla.
   a. Kemm għandna nkunu grati lejn Alla li Hu ma jaħsibx Għalih Innifsu biss!
   b. Imma, minflok huwa ħanin, iħobb, jaħfer, u jagħti.

=====================

6. Il-ħajja fil-ġisem ta' Kristu għandha tbiddel il-mod tagħna ta' kif nirrelataw ma' oħrajn:
   a. Aqra **Efesin 4:25-28**.

====================

7. Billi aħna niddependu minn xulxin bħala l-ġisem ta' Kristu, ma nistgħux naffordjaw li ningrannaw lil xulxin.
   a. Għalhekk għandna ngħidu l-verità lil xulxin.
   b. B'hekk nevitaw il-marda qerrieda tal-gideb u tal-qerq.
   c. Aħna nistgħu nħossu r-rabja jew l-għadab imma ma nħallux din ir-rabja li ssir opportunità għax-xitan biex jeqred l-għaqda tal-ġisem.
   d. Għalhekk aħna għandna nirrisolvu kull konflitt bejnietna bħala membri tal-ġisem ta' Kristu.

======================

8. Imbagħad Pawlu juża l-eżempju ta' ħalliel biex jenfasizza l-bidla drammatika minn ħajja tad-dinja għall-ħajja ġusta.
   a. Pjuttost milli tisraq biex twettaq ix-xewqat tagħha, il-ħajja mġedda taħdem biex b'hekk din tipprova twettaq il-bżonnijiet ta' oħrajn.
   b. Il-marda li wieħed jaħseb fih innifsu biss hija mfejqa u mibdula bi spirtu ta' li taħseb f'ħaddieħor.

======================

9. Pawlu jkompli t-trattament tiegħu dwar dak li jista' jeqred ġisem b'saħħtu billi jipprojbixxi li wieħed jgħid xi kliem li ma jkunx intenzjonat biex jibni lil min jisimgħu.
   a. Aqra **Efesin 4:29**.
   b. Imbagħad hu jikkonkludi billi jagħti struzzjoni lil knisja biex twarrab kull ħaġa li tista' tfixkel lill-membri tal-ġisem milli fil-beraħ u b'mod ġenwin iħobbu lil xulxin:
      i. Aqra **Efesin 31-32**.

======================

10. Imrar, saħna, korla, għajat, tagħjir, u kliem ħażin u kull forma ta' ħażen m'għand-hom ebda parti fil-ġisem ta' Kristu.
   a. Tista' int timmaġina ġisem jiġġieled kontra tiegħu nnifsu?
   b. L-ispirtu ta' Kristu għandu juri lilu nnifsu fit-trattament tagħna lejn xulxin.
   c. Aħna għandna nkunu kalmi, nieħdu l-affarijiet bil-ħlewwa, u li naħfru.
   d. Dawn huma l-karatteristiċi li huma tant viżibbli fit-trattament ta' Alla magħna.

======================

11. Il-mard ma jistax ikun ittollerat, jew inkella dan iġib qerda fuq il-ġisem u jżomm kull spirtu ta' tiġdid milli jkollu effett pożittiv.
   a. L-attitudni u l-ispirtu tal-Mulej għandhom ikunu evidenti f'*kull* relazzjoni fil-knisja jekk aħna rridu li nkunu l-knisja li ntenzjona Alla.
   b. Il-mard ta' spiss huwa llimitat għal "dnubiet kbar" ta' l-adulterju, fornikazz-joni, u oħrajn bħal dawn.
   c. Waqt li dawn għandhom ikunu ikkonfrontati, aħna ma nistgħux nittolleraw li:
      i. Xi ħadd ikun b'nofs qalb lejn xi ħadd ieħor,
      ii. Xi ħadd iqasqas fuq xi ħadd ieħor,
      iii. Jew xi ħaġa oħra li tista' teqred l-għaqda tal-ġisem.

======================

12. Jekk wieħed iħares lejn il-knisja bħala l-ġisem ta' Kristu, kull relazzjoni miksura għandha tkun irranġata, jew inkella l-ġisem kollu jkun imfixkel.

======================

13. L-appostlu Pawlu jgħidilna: Ieqfu milli tagħmlu dan u tmorru kontra l-verità!
   a. Warrbu kull ħaġa li hija falza f'kull sens!
   b. U għaliex jgħidilna dan? "Għax aħna membri ta' xulxin" (**Efesin 4:25**).

c. Jalla jkollna l-għerf li ngħarfu kull ħaġa li tista' teqred ir-relazzjonijiet ta' bejnietna bħala marda , u nagħmlu dak kollu li hu meħtieġ biex inneħħuha qabel ma din tagħmel ħsara serja lill-ġisem tal-Mulej tagħna.

=====================

## SOMMARJU

14. Bħala knisja aħna għandna, bid-diffikultajiet kollha li niltaqgħu magħhom, nimxu 'l quddiem u nkomplu nirsistu għall-ġid kollu tal-ġisem ta' Kristu.

15. Fejn hemm familja se jkun hemm id-diffikultajiet, se jkun hemm il-problemi u żminijiet iebsa.
    a. Ilkoll nafu kemm il-ħajja hija iebsa biex tkabbar familja u minn xhix tgħaddi l-familja.
    b. Hekk ukoll, aħna, bħala familja spiritwali ta' Alla ngħaddu minn ħafna diffikultajiet u problemi.
    c. Ilkoll neħtieġu li nkomplu nistudjaw il-Kelma ta' Alla bil-għaqal.
    d. Ilkoll neħtieġu l-għajnuna ta' xulxin.
    e. Ilkoll neħtieġu l-inkorraġġiment ta' xulxin.
    f. Ilkoll neħtieġu l-imħabba ta' xulxin kif irid il-Mulej.
    g. B'hekk fil-knisja jkun hemm ambjent pożittiv
    h. B'hekk fil-knisja jkun hemm viġilanza attiva kontra kull marda li tista' tattakka l-ġisem.

16. L-appostlu Pawlu jiddeskrivi l-ambjent pożittiv li jirriżulta mill-għarfien tagħna ta' Kristu bħala fwieħa:

> "*Niżżiħajr issa 'l Alla, li dejjem irebbaħna fi Kristu, u juri bina l-fwieħa tat-tagħrif tiegħu f'kullimkien*" (2 Kor. 2:14).